MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Numru. 415/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Dolores Deguara**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Dolores Deguara ta' 62 sena, bint Francis Bezzina u Mary nee' Calleja, imwielda l-Gharghur nhar id-19 ta' Mejju 1945 u residenti Blk 18, Bieb B, flat no. 12, Triq il-Gilju, San Gwann u detentrici tal-karta tal-identita' numru 0525045(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Gewwa B'Kara nhar il-5 ta' Mejju 2008 bejn is-1:00 u 1:30 ta' wara nofs in-nhar, bil-hsieb li taghmel delitt, u cioe' serq mill-fond numru 118 'Carlo Maria', Triq in-Naxxar, Birkirkara, wriet dan il-hsieb b' atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha li kieku gie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-« valur » li jiskorri 2,329.37 euro, bil-« lok » u bil-« persuna », ghad-detriment ta' Charles Galea minn Birkirkara u/jew persuni ohra ;

Saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 17.01.1997, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta' Ottubru 2008 (esebita a fol. 73 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(c)(e)(d), 267, 268, 269, 279, 280 tal-Kodici Kriminali ;
(b) fl-artikoli 49, 50, 289, 533 tal-Kodici Kriminali ;

Rat li fis-seduta tal-4 Dicembru 2008 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-22 ta' April 2008 Charles Galea li huwa l-propjetarju tal-fond 118, Naxxar Road, B'Kara kellu bzonn juza curkett tad-deheb, liema curkett kien jappartjeni lil martu li mietet. Huwa kien izomm id-deheb li kien jappartjeni lil martu fi tlett kaxxi li kien hemm fil-

gwardarobba fil-kamra tas-sodda tieghu u meta mar ifittex l-imsemmi curkett sabiex isellfu lil bintu li riedet tilbsu ghal tieg tal-familja sabu nieqes u waqt li kien qed ifittex fil-kaxxi nduna li kien hemm xi deheb iehor li kien nieqes, u cioe’ kaxxa b’cirka hamsin munita tad-deheb li kienu jiswew kumplessivament €3,500, ghaxar ingotti tad-deheb li kienu jiswew kumplessivament €2,900 u erba’ brazzuletti li kienu jiswew kumplessivament cirka €3,900. Huwa gieh suspett li setghat kienet is-seftura Dolores Deguara li kienet serqithom u ghalhekk bl-ghajuna ta’ ibnu installa erba’ micro cameras fil-kamra tas-sodda u monitor f’kamra ohra isfel. Fil-5 ta’ Mejju 2008, ghall-habta tas-siegha ta’ wara nofsinhar giet is-seftura, u cioe’ l-imputata odjerna, u hija telghat fis-sular ta’ fuq sabiex tibda tnaddaf. Dan Charles Galea, li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2008, jispjega li huwa mar quddiem il-monitor li kellu fil-kamra ta’ isfel u minn hemmhekk seta’ josserva lill-imputata tidhol fil-kamra tas-sodda, tilbes l-ingwanti, tiftah il-gwardarobba u tohrog kaxxa li kien fiha sitt labar tad-deheb. Huwa raha tiftah din il-kaxxa, tpoggijha fuq is-sodda u meta ra hekk huwa ippanikja xi ftit u tela’ jigri t-tarag sabiex imur fil-kamra tas-sodda u malli wasal fl-imsemmija kamra sab lill-imputata qed taghlaq il-bieba tal-gwardarobba u hija qaltlu li l-qattusa kienet fethet il-bieba tal-gwardarobba. Skond Charles Galea l-oggetti tad-deheb li kien hemm fit-tlett kaxxi li kien hemm fil-gwardarobba kienu jiswew madwar Lm3,000. Huwa rega’ nizel isfel u cempel lil ibnu Sandro Galea u meta dan mar id-dar sab lill-imputata fil-kamra tas-sodda qed tpoggi kaxxa tad-deheb taht xi hwejjeg li kien hemm fuq pultruna. Meta dan ix-xhud xehed waqt l-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2008 huwa indika li l-valur tal-oggetti li kien hemm fil-kaxxi li kien hemm fil-gwardarobba kien ta’ aktar minn Lm5,000. Huwa indika li kien gab stima taghhom izda din l-stima baqghet qatt ma giet esebita f’dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi l-filmat li ttiehed mill-erba’ cameras li kien hemm installati fil-kamra tas-sodda ta’ Charles Galea gie esebit f’dawn il-proceduri u jinsab inserit a  fol. 65 tal-process. Illi

l-espert mahtur minn din il-Qorti, Martin Bajada, analizza l-kontenut tal-imsemmi Cd u produca sett ta’ stills (li jinsabu esebiti a fol. 64 tal-process). Wara li l-Qorti ezaminat il-kontenut tal-imsemmi filmat setghat tikkonstata li l-imputata tidher tidhol fil-kamra tas-sodda, tilbes l-ingwanti, tiftah il-gwardarobba u tohrog kaxxa tad-deheb. Hija imbaghad tidher tohrog mill-kamra bil-kaxxa f’idha, terga’ tidhol fil-kamra, tpoggi il-kaxxa fuq is-sodda, thares lura u terga’ tpoggi il-kaxxa fil-gwardarobba u tohrog mill-kamra waqt li jkun diehel Charles Galea. Fil-filmat jidher ukoll Charles Galea hiereg mill-kamra u l-imputata terga’ tidhol fil-kamra b’bicca f’idha u timsah il-gwardarobba. Wara ftit minuti hija tidher qed terga’ tiftah il-gwardarobba u terga’ tohrog il-kaxxa tad-deheb u tohrog bil-kaxxa f’idha mill-kamra. Dak il-hin jidher Sandro Galea, iben l-imputat, diehel fil-kamra u l-imputata tidher diehla fil-kamra u tpoggi l-kaxxa tad-deheb taht xi hwejjeg li kien hemm fuq pultruna.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata li giet arrestata u nterogata dakinhar stess, irrilaxxjat stqarrija li tinsab esebita a fol. 21 u 22 tal-process fejn hija cahdet li kienet pruvat tiehu id-deheb u hija ma kienitx f’posizzjoni taghti spjegazzjoni dwar dak li kienet tidher qed taghmel fil-filmat. Hija inoltre cahdet li fil-passat kienet hadet xi deheb mill-kaxxi li kien hemm fil-gwardarobba ta’ Charles Galea.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat il-kontenut tal-filmat mehud bil-micro-cameras li kien hemm installati fil-kamra tas-sodda propjeta’ ta’ Charles Galea l-Qorti jidrilha li dan il-filmat jikkostitwixxi prova skjaccanti li l-imputata kienet ser tisraq il-kaxxa bid-deheb li hija tidher qed tohrog mill-gwardarobba u tpoggi fuq is-sodda.Il-Qorti m’ghandha l-ebda dubju li hija poggiet il-kaxxa lura fil-gwardarobba minghajr ma hadet xejn ghaliex semghat lil Charles Galea tiela’ t-tarag u dan jirrizulta mill-filmat fejn jidher Galea diehel fil-kamra malli l-imputata kienet qed tpoggi l-kaxxa fil-gwardarobba. L-iskuza moghtija mill-

imputata il-ghala hija kienet qed taghlaq il-bieba tal-gwardarobba, u cioe' li l-qattusa kienet fethet il-bieba, hija ghal kollox inverosimili u inoltre jrid jigi rilevat li fl-ebda hin fil-filmat ma tidher xi qattusa qed tiftah il-bieba tal-gwardarobba. Il-fatt li ftit minuti wara li Charles Galea hareg mill-kamra l-imputata terga' tidher fil-filmat qed terga' tiftah il-gwardarobba u terga' tohrog il-kaxxa hija prova ulterjuri dwar dak li kienet ser taghmel izda din id-darba hija giet interrotta minn iben il-vittma, Sandro Galea, li kien mar id-dar u dahal fil-kamra wara li cempillu missieru u qallu x'kien ra fuq il-monitor. Il-Qorti ghalhekk m'ghandha ebda dubju li kien hemm bidu fl-ezekuzzjoni tad-delitt ta' serq liema delitt ma sehhx minhabba li l-imputata giet interrotta l-ewwel minn Charles Galea li tela' jigri it-tarag u dahal fil-kamra u sussegwentement minn ibnu li dahal fl-istess kamra meta l-imputata kienet regghat harget il-kaxxa tad-deheb ghat-tieni darba f'temp ta' ftit minuti mill-gwardarobba.

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-ewwel akkuza l-imputata tinsab akkuzata b'attentat ta' serq kwalifikat bil-lok, bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-€2329.37. Dwar l-aggravji tal-lok u tal-persuna dawn jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi izda in kwantu jirrigwarda l-aggravju tal-valur il-Qorti jidrilha li ma ngabitx il-prova li l-valur tal-oggetti li kienu ser jinsterqu kien jeccedi l-€2329.37 u dan jinghad ghaliex fir-rapport tal-espert Dr. Anthony Cutajar hemm indikat li l-valur tad-deheb li kien hemm fil-kaxxa li l-imputata tidher qed tohrog mill-gwardarobba kien ta' madwar €900. Huwa minnu li Charles Galea u ibnu jindikaw li l-valur kumplessiv tad-deheb li kien hemm fit-tlett kaxxi li kienu jinsabu fil-gwardarobba bhala li kien jeccedi l-€2329.37 izda fil-filmat l-imputata tidher qed tiehu kaxxa wahda biss. Il-Qorti jidrilha li l-bidu tal-ezekuzzjoni tad-delitt kien jirrigwarda dik il-kaxxa u li ma giex pruvat lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputata kellha l-intenzjoni li tiehu t-tlett kaxxi tad-deheb.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tieni akkuza l-imputata tinsab akkuzata li saret recidiva u fil-fatt giet esebita sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 17 ta' Jannar 1997 fejn l-imputata giet misjuba hatja tar-reati ta' pussess jew tal-uzu bil-hsieb ta' qerq ta karta tal-identita' u fejn giet ikkundannata tlett snin prigunerija. Ir-reat li tieghu l-imputata qed tinstab hatja fil-kaz odjern sar fil-5 ta' Mejju 2008 u ghalhekk l-imputata hija recidiva biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali izda mhux ai termini tal-Artikoli 50 u 289.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata hija recidiva izda kkunsidrat ukoll li hija mara anzjana u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi piena karcerarja sospiza tkun aktar idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tal-1 ta' Ottubru 2008 u senjatament l-Artikoli 31, 41(1)(a), 49, 261(c)(e)(d), 267, 268, 269, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taggha u tikkundannaha tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta tigi hekk mitluba bil-miktub thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disgha mija u tlieta u tletin ewro (€933) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputata l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputata min-naha taghha iddikjarat li fehmet ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli tosservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------